# Gio Nicolò Muscat u r-relazzjonijiet bejn Stat u Knisja fis-seklu 18

## Frans Ciappara – 'Church-State Relations in late-eighteenth-century Malta: Gio. Nicolò Muscat (1735-1803)' – Malta University Press, 2018. €35. ISBN 978 - 99909 - 45 - 91 - 1, pp. 286

**George Maggi**

**Minn fejn ġietek din il-ħajra li tikteb fuq l-uditur Muscat għax sa fejn naf jien int aktar studjuż tal-istorja soċjali ta' Malta, tal-'history from below'?**

Lil Muscat skoprejtu b'kumbinazzjoni fil-korrispondenza tal-inkwiżitur Gallarati Scotti mal-kardinal segretarju tal-Istat. Kelli informazzjoni biżżejjed fuqu biex nibda l-*masters degree* imma meta ġew f'idejja l-arkivji tal-parroċċi ħallejt kollox u bdejt 'Marriage in Malta in the late eighteenth century' li wara kien ippubblikat mill-Associated Press fl-1988.

Dan kien il-bidu tiegħi fl-interess tal-istorja soċjali: fuq iż-żwieġ u l-familja Maltija tradizzjonali, fuq il-mewt u fuq l-ossessjoni tal-antenati tagħna li jħallu xi proprjetà jew flus lill-Knisja biex isir quddies għal ruħhom; fuq il-kappillani u r-relazzjonijiet tagħhom man-nies u aspetti oħra varji fuq il-ħajja fl-irħula.

Il-ktieb fuq il-Qrendi: *The Social and Religious History of a Maltese Parish. St Mary's Qrendi in the Eighteenth Century* (Malta University Press, 2014) hu xhieda ta' dan u jiġbor dawn it-temi kollha. Barra dan ħdimt ħafna fuq l-Inkwizizzjoni Rumana li wasslitni għad-dottorat bit-titlu *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (PEG, 2000)

**Liema arkivji l-aktar li kkonsultajt biex tikteb fuq Muscat?**

L-aktar informazzjoni sibtha l-arkivju tal-Katidral fil-korrispondenza tal-Inkwiżituri Gallarati Scotti u Carpegna ma' Ruma. Imma sibt dokumenti oħra l-Kurja tal-Arċisqof il-Furjana, l-arkivji nazzjonali l-Imdina, kif ukoll il-biblijoteka l-Belt Valletta. Barra minn Malta l-arkivju tal-Istat ta' Napli kien għajn ta' informazzjoni kbira, bħall-arkivju sigriet tal-Vatikan.

**X'nafu fuq iż-żgħożija ta' Muscat?**

Kważi ma nafu xejn. Twieled fil-parroċċa ta' San Pawl il-Belt fl-1735, it-tielet minn erba' aħwa. Kienet familja sempliċi tant li kellha tkun zitu li ħallsitlu biex laħaq avukat. Kien ukoll kitteb ta' poeżiji ad unur ta' nies importanti fil-Knisja bħall-Vigarju Ġenerali u l-assessuri tal-Qorti tal-Isqof. Iżżewweġ lil Maria Salomone, armla bi tlett itfal u tliet snin akbar minnu. I.S. Mifsud jgħid fid-djarju tiegħu li kien hemm għagħa l-Belt dakinhar għax ħadd ma basar li avukat ta' suċċess kien ħa jintrabat ma' mara ta' grad ferm inqas minnu.



Il-pubblikazzjoni riċerkata ta' Frans Ciappara

**Għandna xi ħjiel dwar l-istudji tiegħu?**

Sfortunatament ma sibtx minn liema Università ggradwa. 'La Sapienza' ta' Ruma ma attendiex, lanqas dik ta' Napli, Palermo u Catania. Nafu żgur li Malta studja kemm il-liġi kanonika, ċivili u kriminali taħt Dun Ercole Paulucci. Jista' jkun li ma attendiex formalment Università għax Universitajiet bħal dik ta' Catania kienu jħallu studenti jistudjaw privatament.

Żgur hu li Muscat kien bniedem istruwit għall-aħħar. Kien jikkwota awturi Griegi u Latini u kellu ħakma tremenda tal-istudjużi tal-liġi naturali: Grotius, Pufendorf, Gravina. Kien midħla sew tal-Bibbja kif ukoll tal-awturi moderni: Montesquieu, Beccaria, Muratori.

**Hemm xi ħjiel kif Muscat sar Ministru tal-Gvern ta' Rohan?**

Fi żgur m'għandna xejn. Jista' jkun li kien il-ktieb *Apologia a favore dell'Inclita Nazione Maltese* li ressqu lejn il-Gvern tal-Ordni. Dan il-ktieb li Muscat ħareġ Ruma fl-1783 kien jiddefendi 'l Malta kontra l-attakki ta' Giandonato Rogadeo. Dan l-avukat Naplitan kien ġie Malta biex jagħmel kodiċi ġdid imma kisirha mal-avukati Maltin (ried per eżempju jżomm it-tortura u l-piena kapitali) u kellu jitlaq minn fejn ġie. Għajjar lill-Maltin Afrikani, nies lura mingħajr kultura, rozzi u ħorox. Muscat iddefenda lill-Maltin bħala Ewropej, kolti, dixxiplinati.

**X'politika ħaddan Muscat meta sar avukat ġenerali u wieħed mit-tliet udituri ta' Rohan?**

Muscat kien illuminista, konxju tad-dibattitu politiku li kien għaddej fl-Ewropa. Waħda minn dawn it-temi kienet is-separazzjoni bejn Stat u Knisja. Muscat ried li l-Knisja jkollha x'taqsam biss mal-ispiritwali u xejn ma' dak li hu temporali. Fi kliemu, l-Isqof ried iżomm biss il-mitra u l-baklu. Mela bidwi li kien jaħdem art tal-Kurja u ma ħallasx qbiela ried jidher fil-Qorti tal-Gvern. Hekk kien jiġri fl-Ewropa Kattolika imma skont Muscat Malta dejjem kienet l-aħħar art biex issegwi dawn il-prinċipji sani. Terġa', ħafna mis-setgħat li kellha l-Knisja kienu ngħatawlha mir-rejiet li setgħu faċilment jiġu irtirati

**X'kienet l-akbar arma li kellu Muscat?**

L-akbar arma li kellu Muscat, li kien jemmen li 'dan mhux aktar is-seklu tal-Knisja', kienet il-liġi tal-*exequatur* jew kif kienet tissejjaħ Malta tal-Vidit: kull dokument minn qrati barranin kellu jiġi eżaminat u mmarkat bil-Vidit mill-avukat ġenerali. Kemm l-Isqof Labini u kemm l-Inkwiżitur Gallarati Scotti ipprotestaw bil-qawwa kontra din il-forma ta' ċensura tant li Muscat kellu jibgħat lill-Papa Piju VI dikjarazzjoni bil-miktub li dokumenti minn tribunali ta' Ruma ma jaqgħux taħt il-Vidit.

**Żammha din il-wegħda Muscat?**

Din kienet wegħda fierħa tant li l-Prelati Maltin kienu sikwit jinfurmaw lil Ruma bid-diżordni fil-qrati tagħhom. Kważi ma setgħux jibdew u oħrajn kienu jieqfu għax l-avukati ma ridux jossottomettu d-dokumenti lill-Avukat Ġenerali, u min minnhom fettillu jisfida lil Muscat kien jiġi mhedded bl-eżilju. Għal Muscat l-għaġir tal-Knisja kien reminixxenti tas-sekli mgħoddija ta' injoranza grassa.

**X'kienet ir-risposta min-naħa ta' Ruma?**

Fl-1791 il-Papa talab għar-riżenja ta' Muscat. Rohan aċċetta, anzi 'eżilja' lil Muscat Napli. Din kienet farsa għax veru li Muscat mar Napli imma biex jitlob lir-Re Ferdinandu jaqbeż għal Malta kontra l-Papa. Il-Kardinal Segretarju tal-Istat ma setax jifhem kif Napli tissapportja 'għadu ddikjarat tal-Papa' imma Muscat ġie lura u reġa' ngħata l-pożizzjonijiet li kellu.


APOLOGIA
A FAVORE
DELL' INCLITA NAZIONE MALTESE,
Suoi Tribunali, Segnatura, e Legisti.
CONTRO IL LIBELLO FAMOSO INTITOLATO
RAGIONAMENTI
DEL SIGNOR CAVALIERE
GIAN DONATO ROGADEO.
IN ROMA MDCCLXXXIII.
PRESSO I LAZZARINI STAMPATORI CAMERALI.
CON LICENZA DE' SUPERIORI.

Il-ktieb *Apologia a favore dell'Inclita Nazione Maltese* li Muscat ħareġ Ruma fl-1783


L-awtur, Frans Ciappara

Il-Papa talab tliet darbiet oħra biex Muscat jiġi mneħħi. Dan seħħ biss fl-1793. Is-sitwazzjoni politika Ewropea issa kienet tbiddlet. Ir-rivoluzzjonarji Franċiżi kienu serqu l-artijiet tal-Ordni, li ma kellha lil ħadd fuq min isserraħ ħlief lill-Papa. Muscat ġie ssagrifikat u kellu jwarrab.

**Meta miet Muscat u ngħata funeral reliġjuż?**

Muscat miet fl-1803 u ndifen fil-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu l-Belt. Muscat kien antiklerikali konvint tant illi anke wara mewtu l-antagonisti tiegħu kienu jitolbu li ma jergax jiġi dak iż-żmien ta' Muscat li kien jhedded lill-Isqof bl-eżilju. Imma Muscat baqa' Kattoliku.

**X'kien il-wirt ta' Muscat?**

Muscat tilef u ma rax il-ħolma tiegħu sseħħ f'ħajtu. Imma ż-żerriegħa li żera' waqgħet fuq art ħammiela u tat il-frott. Il-battalja għas-separazzjoni bejn Stat u Knisja ilha li ntrebħet imma ridt tkun bniedem tal-kalibru ta' Muscat biex mitejn sena ilu, waħdek u kontra kull oppożizzjoni, tibqa' leali lejn dan it-twemmin.

Il-ktieb jinxtara mingħand il-librara ewlenin jew *on-line: https://www.um.edu.mt/mup/onlinebookstore.*

*Prof. Frans Ciappara hu membru tal-International Institute for Baroque Studies tal-Università ta' Malta kif ukoll membru tal-Ecclesiastical History Society tal-Ingilterra. Hu wkoll editur tal-'Journal of Baroque Studies'.*